

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/449**tat-12 ta' Marzu 2021****li tħassar id-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.
- (2) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK tippredvi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Eġizzjan, u ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.
- (3) Wara rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK imwettqa skont l-Artikolu 5 tagħha, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi fis-seħħ jitneħħew.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/172/PESK titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).